

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2019/C 192/11)



Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida k commemorattiva ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mir-Repubblika ta' San Marino

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro kollha. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti k commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn k commemorattiv li jkollu rilevanza simbolika għolja f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita: Ir-Repubblika ta' San Marino

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-500 anniversarju mill-mewt ta' Leonardo da Vinci

Deskrizzjoni tad-disinn: Il-munita turi fiċ-ċentru tagħha "anġlu" impitter minn Leonardo da Vinci, lu hu dettall mix-xogħol "Il-Magħmudija ta' Kristu"; Fil-periferija, fuq ix-xellug, l-iskrizzjoni "SAN MARINO" u fuq il-lemin, l-iskrizzjoni "1519 Leonardo 2019"; fuq ix-xellug hemm l-akronimu tal-awtur Uliana Pernazza UP u fil-qiegħ fuq il-lemin l-ittra R li tidentifika l-Munita ta' Ruma.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-tmax-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li se jinħarġu: 60 500 munita

Id-data tal-ħruġ: April tal-2019

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9 tal-14.1.2009, p. 52).